**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSIN** **27ta' MARZU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.
Is-Sindku talab li kulħadd iqum bil-wieqfa biex jagħmel minuta silenzju għal ex Sindku Salvu Saliba u intqalet talba.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **50.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 50.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard ma attendix. Il-Kunsill ma irċeviex ittri mingħandu. |
| | | |
| **50.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 50.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għaddej b'taħdidiet fuq restawr tat-torri tal-Wardija, minħabba li fi ftit żmien ieħor ser joħorġu fondi li l-Kunsill jista japplika għalihom. |
| | | |
| 50.2.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li għada ser ikollu laqgħa mal-perit tal-Kunsill u mal-contract manager biex jiġi diskuss refurbishment ta' Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa fi Triq Bronja.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla staqsa jekk inġabrux kwotazzjonijiet għas-siġar taż-żebbuġ li jridu jitħawlu taħt iċ-ċint tan-Nigret inflok dawk li inkiissru bil-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li inġabru kwotazzjonijiet u għada kif ikun hemm il-laqgħa mal-contract's manager, ser ikunu innotati. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 50.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jikkuntatja lill-Kunsill tal-Qrendi u l-Imqabba biex Triq l-Imqabba ssir one way. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 50.2.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa jekk il-Kunsill Lokali kellux risposta mingħand l-ELC fuq is-siġar tal-palm ta' ġor-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto.<br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li nkitbet ittra lill-ELC u anke ċempilna imma s'issa ma kellniex risposta. Imma nforma li x-xogħol ser isir, għax il-Kunsill kien qabel unanimament li jekk tali pjanti jogħlew, għandhom jinqalgħu u jitħawlu oħrajn flokom. |
| | | |
| 50.2.5 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***50.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 50.3.1 | | Is-Sindku stieden lis-Sinjura Stephanie Galea li rebħet l-unur ta' Mrs Malta. Din ser tagħmel xi xogħol volontarju f'dar Merħba bik u wegħda li fejn ikun il-bżonn il-Kunsill ikun lest li jgħinha. Ittieħdu xi ritratti u l-Kunsill ta bukkett fjuri lis-Sinjura Galea, tal-okkażjoni. |
| | | |
| 50.3.2 | | Is-Sindku talab biex issir ħarġa għal Sqallija oħra fit-22 ta' Ġunju. Il-poster biex jibda l-booking ser isir fi ftit ġranet oħra ħalli sal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill ikun għalaq il-booking u ibbukja kollox għal Sqallija. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***50.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 50.4.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima talbet biex Ġnien il-Ġibjun jissemma Ġnien Salvu Saliba.<br>Ma kienx hemm qbil li dan il-ġnien jinbidillu ismu imma kien hemm qbil li jekk ikun hemm toroq ġodda jiġu msemmija għal Salvu Saliba u Tonina Farrugia, żewġ ex sindki. |
| | | |
| 50.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li ssir pressjoni biex isir ir-railing tat-taraġ tan-Nigret. Is-Sindku qal li hu personali mar għand Infrastructure Malta u tkellem mal-perit involut u għamel pressjoni miegħu ukoll. |
| | | |
| 50.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa meta ser titkompla t-triq ta' madwar iċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li minħabba x-xita ma setgħax jitkompla x-xogħol, imma dan għandu jistkompla f'qasir żmien.<br><br>Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li fil-weekend inqasmet kanna tal-ilma fl-akwati u wara li ġiet infurmata, hi stess tkellmet mal-WSC u ġew isewwu fl-immedjat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 50.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li mhux sew li persuni qed idumu jistennew xhur biex isiru t-toroq minn Infrastructure Malta. Hu qal li jissimpatizza mar-residenti fuq ix-xogħlijiet li qed isiru fit-toroq u li l-Kunsill m'għandux kontrol fuqhom. |
| | | |
| 50.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li tpoġġew reċipjenti tal-iskart ġodda li jiswew madwar 700Euro –il wieħed fi ġnien il-ġibjun. Dawn saru wara talba li għamel hu mad-direttorat tal-indafa pubblika. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Kenneth Farrugia għal din l-inizjattiva. |
| | | |
| 50.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li hemm bżonn li fejn il-ħanut ta' Skutu fi Vjal ix-Xarolla jsiru bollards bħal ma saru fi Triq Bronja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm skema ta' *art in public spaces*, li ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għaliha. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jiltaqa mal-persuna inkarigata u jiddiskutu l-pjanijiet.<br>• Qal li l-periti ta' Garden of Eden biddlu xi pjanijiet u ssuġġerixxa biex il-Kunsill ikun infurmat tajjeb fuq dawn il-pjanijiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-perit tal-Kunsill fuq dan il-każ. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-Kunsill ikollu Perit fuq dan ix-xogħol biss. |
| | | |
| | | |
| | | |
| 50.4.7 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li ż-zebra crossing ta' Vjal il-Blue Grotto li hemm 'l fuq mill-ħanut Village Core, titressaq iżjed lejn Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Transport Malta, wara li ssir bankina adekwata. |
| | | |
| 50.4.8 | | Il-Kunsillieri Dino Bonnici ressaq ilment biex jinżabru żewġ siġriet taż-żebbuġ fi Triq Matteolo Saliba. Kien hemm qbil li jintalab permess lill-ERA.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici talab biex isiru parking bays fi Triq Matteolo Saliba. Kien hemm qbil li jiġi ċċekjat il-każ. |
| | | |
| 50.4.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-kuntratt ta' bejn il-Kunsill Lokali u ż-Żurrieq Wolves u Żurrieq Nurseries FC skada u jeħtieġ li jerġa jsir ieħor li jiġġedded għal tlett snin oħra, bl-istess ammont li kienu dawk ta' snin li skadew. |
| | | |
| | | |
| ***50.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **50.5°** | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru l-interviews għall-persuni li kienu fil-lista tal-job plus u li bagħtu cv. Persuni mill-Kunsill kien hemm preżenti – il-Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| | | Tiffanny Ann Farrugia, Joseph D'Amato, Pierre Farrugia, Kenneth Farrugia u David Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv. Minn 8 persuni li kellhom appuntament, attendew 4 biss, u persuna minnhom attendiet tard. Intgħażlu żewġ persuni għat-tieni interview fejn kien ser ikun prova fuq ix-xogħol, flimkien mal-ħaddiema l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat permess li intgħażlet is-Sinjorina Zahra li aċċettat li taħdem il-ħinijiet tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u integrat tajjeb ħafna kemm mal-impjegati u kemm mal-pubbliku. Din l-iskrivana bdiet taħdem mil-11 ta' Marzu, 2019 biex tilħaq tieħu hand over mill-impjegata Bartolo li ħarġet bil-leave mit-18 ta' Marzu. |
| | | |
| | | |
| ***50.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 49.6.1 | | Ma kienx hemm xogħlijiet oħra x'jiġu diskussi. |
| | | |
| ***50.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 50.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li inġabru l-petizzjonijiet għas-sistema ta' one way fi Triq il-Mitħna u r-riżultat kien 9 favur u 2 kontra. Kien hemm qbil li tintbagħat it-talba lill-TM. |
| | | |
| | | |
| 50.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li:<br>• fi Triq il-Kbira saret il-keep clear li kien hemm qbil fuqha imma ma serviet għal xejn għax xorta baqgħu jipparkjaw. Ir-resident ta' sid il-garaxx reġgħa talab li issir bollard. Dok 2 mehmuż. Kien hemm li jsiru rapporti l-għassa biex isiru rondi mill-pulizija. F'dan il-punt tqajmu ilmenti oħra fuq parkeġġ ħażin anke fil-pjazza li jimblukkaw it-traffiku u l-pulizija anke meta tikkuntatjhom, minflok jgħatu ċ-ċitazzjonijiet, jmorru fil-ħwienet jgħidulhom biex iċaqalqu l-vetturi. Tqajjem punt ieħor li waqt funral ta' Ex Sindku għalkemm kien hemm tabelli tan-no parking, kien hawn triq kollha karozzi ipparkjati, u l-pulizija ma ntervjenewx.<br>• Intalbet bollard quddiem residenza 31 Triq il-Kuncizzjoni, minħabba ħsara li qed issir lill-faċċata tar-residenza. Kien hemm qbil li hemm diġa bollard.<br>• Bies isiru żewġ bollards temporanji fi Triq iċ-Ċombini sakemm isir ix-xogħol ta' bini u restawr f'dar fit-triq imsemmija. It-trakkijiet u l-inġenji li qed jintużaw qed jagħmlu ħsara lill-faċċati tad-djar tan-nies tat-triq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Saru refresh ta' marki tat-toroq fejn il-Maypole u minħabba li l-ħanut Aquila ħabbatnilu diversi drabi u ħadd ma kien ġo fih, quddiemu saret parking bay. Intalab parkeġġ lill-TM ta' un/loading quddiem Scicluna Florist biex ikun kollox skont il-liġi. Sadanittant il-Kunsill irċieva email oħra minn sid il-ħanut Aquila u resident fi Triq Bronja, biex tali linji sofor jerġgħu jsiru quddiem il-ħanut tiegħu u sabiex il-kunsill jara kif ser isolvi l-problema ta' parkeġġ li hemm fl-akwata minħabba l-ħanut Maypole. Kien hemm qbil li jitneħħa l-parkeġġ isfar quddiem il-ħanut l-ieħor u meta jingħata l-permess tal-un/loading terġa tinżebaħ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dejjem għandhom jissejħu l-pulizija fuq każi bħal dawn. |
| | | |
| 50.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti minn familja li toqgħod fi Triq il-Benedittini:<br>• Minn Triq il-Miżieb għal Triq il-Benedittini issir oneway, - kien hemm qbil li tinġabar petizzjoni u mmexxu bi TM.<br>• isiru double yellow line fil-kantuniera fejn dar no.7<br>• Issir barrier mal-kantuniera ta' dar no. 7<br>• Issir bozza fuq arblu fil-viċinanzi għax hemm ħafna dlam.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 50.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bieraħ 26 ta' Marzu infetħu t-tenders ' Work for the upgrading of landscaped sites at Triq il-Barrieri and Triq il-Wied, Zurrieq, in an evironmentaly friendly matter'.<br>L-offerenti kienu:<br>LBV LTD - 76636.75EURO<br>DELTA PROJECTS – 72546.36EURO<br><br>Kien hemm qbil li l-evalwaturi għal din it-tender ikunu l-Kunsilliera Joseph D'Amato, Pierre Farrugia u l-Perit Rebecca Grech. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***50.6b*** | | ***Kienu preżenti rappreżentanti minn The Note Book Centre*** |
| | | |
| 50.6b.1 | | Ġew persuni jgħamlu demostrazzjoni ta' kontenituri tar-rimi tas-sigaretti li jiswew 260Euro + Vat. u kwalita oħra li jiġu 560Euro + Vat. Dawn jistgħu jeħlu kemm ma ħitan u kemm ma' arbli. Il-Kunsill ra dawn l-kontenituri għoljien ħafna fil-prezz għalkemm fid-dehra huma sbieħ ħafna. |
| | | |
| ***50.6c*** | | ***Roundabout fi Vjal il-Blue Grotto – kienu preżenti l-President u s-Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM*** |
| | | |
| 50.6c.1 | | Is-Sindku qal lill-President u lis-Segretarju preżenti li hemm bżonn li l-bankina ta' Vjal ix-Xarolla k/m Triq il-Belt Valletta, fejn ġejja l-istatwa ta' Santa Katarina VM, tingħata wiċċ temportanju. Ir-rappreżentatni tas-soċjeta' qalu li ser jiddiskutu dan il-każ, fis-seduta tal-kumitat tagħhom.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-palm li hemm bħalissa fir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto jistgħu jitwalu sa 4 metri. Il-kunsillier qal li l-Kunsill kiteb lill-ELC fejn ġew infurmati biex jaqilgħu l-palm eżistenti u minflokom jitħawlu pjanti li jibqgħu baxxi. Ir-rappreżentanti preżenti rringrazjaw lill-Kunsill. |
| | | |
| ***50.6d*** | | ***Vjal l-Indipendenza – No entry for heavy vehicles lejn Misraħ Karmelitani u lura*** |
| | | |
| 50.6d1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenti tat-tliet idjar li jridu jitneħħew fi Vjal l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Indipendenza k/m Misraħ il-Karmelitani.<br>Ma kienx hemm qbil li t-triq issir no entry for heavy vehicles imma kien hemm qbil li ssir bollard biex ma ssirx ħsara lill-faċċata.<br>Is-Sindku qal li meta fiż-Żurrieq ġie l-Onor. Ministru Ian Borg, hu ħadu fuq il-post u ra b'għajnejh il-problema. Hemm żviluppi li ser jitneħħew żewġt idjar, wara li r-residenti jingħataw post alternattiv. |
| | | |
| ***50.6e*** | | ***Tower Crane fi Triq San Gwann*** |
| | | |
| 50.6e1 | | Biex jiġi nstallat tower crane fi Triq San Ġwann għal tul ta' mhux inqas minn 6 xhur. Dok 3 mehmuż.<br>Kien hemm qbil li jingħata permess bil-kundizzjoni li t-triq tibqa aċċessibli għall-vetturi. |
| | | |
| 50.6e2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li fi Triq Ħal Far hemm tower crane ġo għalqa u li x'aktarx ser ikun hemm xi bini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekja l-każ mal-PA. |
| | | |
| | | |
| ***50.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 50.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 57 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***50.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 50.8.1 | | Ġew approvati u l-Minuti tal-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni kunsill lokali numru 17, u l-Minuti tal-kumitat reġjonali nofsinhar 14, 15, 16 u 17. |
| | | |
| | | |
| ***50.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 50.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€45,049.81**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Tiffany Ann Farrugia.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ |

| | | |
|---|---|---|
| | | tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***50.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 50.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' APRIL, 2019 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___17___ ta' APRIL, 2019.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**